**KULL BNIEDEM JISTA' JARA IS-SALVAZZJONI**

**L-EWWEL QARI**
**Qari mill-ktieb tal-Profeta Baruk**
**Bar 5,1-9**

Neħħi minn fuqek, Ġerusalem, l-ilbies tal-hemm u n-niket, u ilbes id-dija tas-sebħ ta' Alla għal dejjem. Ilbes il-mantar tal-ġustizzja ta' Alla, qiegħed fuq rasek il-kuruna tal-glorja ta' dejjem. Għax Alla għad juri ġmielek lill-ħlejjaq kollha taħt is-sema; Alla għad isejjaħlek bl-isem ta' "Sliem tal-ġustizzja u sebħ tal-qima ta' Alla". Qum, Ġerusalemm, itla' fil-għoli, ħares lejn il-lvant, ara 'l uliedek miġbura għall-kelma tal-Qaddis, minn fejn tinżel ix-xemx sa minn fejn titla', ferħana għax Alla ftakar fihom. Telqu minn għandek bil-mixi, imkaxkra mill-għedewwa; issa Alla se jgibhom lura għandek merfugħin fil-ġieh bħal kieku fuq tron ta' sultan.
Alla ordna li jitniżżlu l-muntanji u l-għoljiet ta' dejjem, li jimtlew il-widien u titwitta l-art, ħalli Israel jimxi bla xkiel taħt is-sebħ ta' Alla. Fuq l-ordni ta' Alla, l-imsaġar u s-siġar imfewħa jdellu fuq Israel. U Alla jmexxi lill-Israel bil-ferħ fid-dawl tas-sebħ tiegħu, minħabba fil-ħniena u l-ġustizzja li ħierġa minn għandu.

**Il-Kelma tal-Mulej.**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 128**
**Kbir f'għemilu l-Mulej magħna!**

Meta l-Mulej reġġa' lura l-imtarrfin ta' Sijon,
konna qisna mitlufa f'ħolma;
imbagħad bid-daħk imtela fommna,
u lsienna nħall b'għajjat ta' ferħ.

**R/. Kbir f'għemilu l-Mulej magħna!**

Imbagħad bdew igħidu fost il-ġnus;
"Kbir f'għemilu l-Mulej magħhom!"
Kbir f'għemilu l-Mulej magħna!
U aħna mtlejna bil-ferħ.

**R/. Kbir f'għemilu l-Mulej magħna!**

Biddel, Mulej, xortina,
bħall-widien tan-Negeb!
Dawk li jiżirgħu fid-dmugħ
jaħsdu fil-ferħ.

**R/. Kbir f'għemilu l-Mulej magħna!**

Hu u sejjer, imur jibki,
iġorr iż-żerriegħa għaż-żrigħ.

Imma hu u ġej lura, jiġi jgħajjat bil-ferħ,
bil-qatet f'idejh.

**R/. Kbir f'għemilu l-Mulej magħna!**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Filippin.**
**Fil 1, 4-6,8-11**

Ħuti: Dejjem fit-talb tiegħi għalikom nitlob ferħan, minħabba fil-għajnuna li tajtuni fix-xandir ta' l-Evanġelju, mill-ewwel jiem sa llum. Jiena żgur minn dan: li dak li beda din l-opra tajba fikom iwassalha għat-tmiem tagħha sa ma jasal il-Jum ta' Kristu Ġesù. Iva, jixhidli Alla kemm jien miġbud lejkom bil-qalb ta' Kristu Ġesù! U jien dan nitlob: li l-imħabba tagħkom tikber u tikber dejjem iżjed bil-għerf u b'kull dehen, biex tistgħu tagħarfu tagħżlu l-aħjar, u mbagħad tkunu safja u bla ebda ħtija fil-Jum ta' Kristu, mimlijin bil-frott tal-ġustizzja li ġejja minn Ġesù Kristu, għall-glorja u l-foħrija ta' Alla.

**Il-Kelma tal-Mulej.**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**Hallelujah, hallelujah.**
Hejju t-triq tal-Mulej,
wittu l-mogħdijiet tiegħu:
u kull bniedem jara s-salvazzjoni ta' Alla.
**Hallelujah.**

**✠L-EVANĠELJU**
**Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa.**
**Lq 3, 1-6**

Fis-sena ħmistax tal-ħakma ta' Tiberju Ċesari, meta Ponzju Pilatu kien gvernatur tal-Lhudija, u Erodi tetrarka tal-Galilija, u ħuh Filippu tetrarka ta' l-Iturija u ta' l-art ta' Trakonis, u Lisanja tetrarka ta' Abila, fi żmien il-qassis il-kbir Anna u Kajfa, il-kelma ta' Alla waslet lil Ġwanni, bin Żakkarija, fid-deżert. Hu ġie fl-inħawi kollha ta' madwar il-Ġordan, ixandar magħmudija ta' ndiema għall-maħfra tad-dnubiet, kif hemm miktub fil-ktieb ta' kliem Isaija l-profeta:
"Leħen ta' wieħed igħajjat fid-deżert:
Hejju t-triq tal-Mulej,
wittu l-mogħdijiet tiegħu:
kull wied jimtela,
kull muntanja u għolja titbaxxa;
il-mogħdijiet imgħawġa jsiru dritti,
u t-triqat imħarbta jitwettew,
u kull bniedem jara s-salvazzjoni ta' Alla."

**Il-Kelma tal-Mulej.**
**Tifħir lilek, Kristu.**